Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 225 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Darren Debono

Illum 23 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Darren Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija 245386M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Jannar 2018 u fil-granet ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer Maltin;

1. Ghamel li Maria Rosaria Spiteri ngurji u/jew theddid mhux imsemmija band' ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurja b' mod li hareg ' il barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
2. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurja u/jew hedded lil Maria Rosaria Spiteri bi kliem;
3. U aktar talli ghamel uzu mhux xieraq b' apparat ta' komunikazzjoni elettronika;
4. U aktar talli kien jaf jew messu kien jaf li kien qed jaghti fastidju lil Maria Rosaria Spiteri.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Rosaria Spiteri (Art 383 Kap 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-10 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 (h), 339 (1) (e), 251 A (1) (b) u 251 H (a) tal-Kodici Kriminali u artikolu 49 (a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputat Darren Debono hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u filwaqt li iddikjarat li l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni gew ikkunsidrati bhala mezz ai fini tar-raba' imputazzjoni, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm rresponsabilita' tieghu u x' jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.

In oltre l-Qorti harget Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Maria Rosaria Spiteri u Andrea Malucelli ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza li jifforma parti integrali minnha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Darren Debono, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Mejju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli jogħġobha fl-ewwel lok, tħassar u tirrevoka fl-intier, is-sentenza appellata tal-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ismijiet premessi, mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u dana in kwantu sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena minnhom, u fit-tieni lok, u okkorendo bla preġudizzju għall-ewwel talba, f' każ li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha, jew liema minnhom, tirriformaha billi tinfliġġi piena anqas gravi fil-konfront ta' l-appellant tenut tal-premess, inkluż, iżda mhux esklussivament li ma tiġix akkordata l-Ordni ta' Protezzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

L-aggravji jirriżultaw mill-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma eżaminatx sewwa ix-xhieda prodotta kemm mill-esponenti, kif ukoll mill-kwerelanti, u anke minn Andrea Malucelli innifsu, u straħet biss fuq erba' (4) kelmiet mir-recordings, u cioe ' bhima', ' indannata', ' qaħba', u ' liba', u njorat il-kumplament, fil-waqt illi l-Ewwel Qorti, injorat ukoll il-kuntest li fih sar ir-rapport kontra tiegħu, kif ukoll mill-fatt illi dwar il-piena, l-ewwel Onorabbli Qorti, injorat ukoll dak li fil-fatt intalab mill-prosekuzzjoni, u ddeċidiet oltre dak li ġie mitlub, kif ukoll hija l-umli opinjoni ta' l-esponenti, illi anke f' każ ta' ħtija, ma kelliex tiġi inflitta fil-konfront tiegħu il-piena massima, taħt il-liberta kundizzjonata, u anke il-massimu tal-Ordni ta' Protezzjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 412 Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

1. Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħmel riferenza għal dak illi jirriżulta bħala provi mir-recordings, kif ukoll tagħmel enfasi fuq ix-xhieda ta' l-istess Maria Rosaria Malucelli illi qalet li kienet tispiċċa imbeżża', iżda njorat il-fatt illi skont Andrea Malucelli l-allegat aġir ta' l-esponenti waqaf. L-ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt illi minħabba il-minuri Jake Debono, bil-fors illi l-esponenti kien ikun kostrett illi javviċina lill-Maria Rosaria Malucelli. Illi dwar l-aġir ta' l-esponenti, illi naturalment jirriżulta mir-recordings prodotti, l-Ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt, illi kienet l-istess Maria Rosaria Malucelli, illi kienet tipprovokah bir-ritratti li kienet tibgħatlu tagħha flimkien ma' Malucelli u l-minuri, kif ukoll tgħidlu diskors bħal ' issa Jake ser ikollu step father' (b' riferenza għal-Andrea Malucelli), imbagħad fl-istess nifs l-istess kwerelanta riedet tikkonvinċi lill-Ewwel Onorabbli Qorti, illi qiegħda tibża mill-esponennti, fl-istess nifs li kienet qiegħda fil-fatt tisfidah. Anke kieku skont l-istess Maria Rosaria Malucelli, ir-ritratti bagħatithom biex isserraħ ras l-esponenti, ukoll huwa ndikazzjoni ċara illi ma kellha l-ebda biża' mill-istess esponenti. L-ewwel Onorabbli Qorti, injorat ukoll il-fatt, illi bejniethom (u cioe l-esponenti u l-kwerelanta), kienu jikkomunikaw bil-code ' Marcellino', fiċ-chats, (u fuq suġġeriment tagħha stess), sabiex minn wara dahar żewġha, tkun tista titkellem liberament ma' l-esponenti (konfermata ukoll mill-istess Maria Rosaria Malucelli), u li dwar l-istess, l-esponenti anke ippreżenta kopji ta' dawn il-messaġġi li għaddew bejn l-esponenti u l-kwerelanta. Dan kollu, l-Ewwel Qorti injoratu kompletament. Kieku l-istess Maria Rosaria Malucelli kienet qiegħda

tibża mill-esponenti, kieku ma kienetx tikkomunika miegħu minn wara dahar żewġha. Illi jirriżulta wkoll, mill-provi prodotti illi saħansitra nhar il-21 ta' Diċembru 2017, il-kwerelanta, fuq talba tagħha stess, daħħlet il-vettura tagħha fil-garaxx ta' l-esponenti, u saqet bil-bieba miftuħa fuq l-esponenti. Dan il-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti injoratu wkoll. Li kieku verament Maria Rosaria Malucelli, kienet qed tibża mill-esponenti, u tħossha ffastidjata, fl-ewwel lok, żgur ma kienetx ser titlob, u fit-tieni lok, effettivament iddaħħal il-vettura tagħha fil-garaxx ta' l-esponenti, u fit-tielet lok, lanqas ma kienet ser tazzarda ssuq għal-fuq l-esponenti, u trassu bil-bieba tal-vettura tagħha mal-bieb tal-garaxx. Li kieku verament Maria Rosaria Malucelli, kienet qiegħda tibża mill-aġir ta' l-esponenti, lanqas ma kienet tħalli sal-11 ta' Jannar 2018, sabiex tieħu l-passi odjerni, iżda kienet tmexxi immedjatament. Il-Qorti dan il-fatt injoratu kompletament, meta ġiet biex tevalwa jekk ir-reat kienx fil-fatt seħħ, u anzi injorat ukoll il-fatt illi l-istess Maria Rosaria Malucelli xehdet hi stess illi l-istess passi kienet ħadithom għaliex kienet irrabjata għax ma ħaditx dak li kienet qed tippretendi li tieħu, u għalhekk ma jirriżultax li ħadet dawn il-passi għaliex kienet imbeżża'. Jirriżulta biċ-ċar, illi il-kwerelanta inqdiet mill-allegata course of conduct ta' l-imputat, fil-mument, illi dehrilha li tista' allura tinvokaha, u dan peress li ma ħaditx dak li riedet. Illi dan kollu, kellu jimmilita favur l-esponenti, għax kien qiegħed jindika biċ-ċar illi l-element tal-biża fuq il-kwerelanta ma kienx jeżisti u jissusisti. Illi dwar l-istess recordings, l-Ewwel Onorabbli Qorti, minkejja illi fehmet il-fatt u dan fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, illi il-kwerelanta ġialardarba kienet taf li qed tirrekordja il-konversazzjonijiet, qagħdet ferm kawta milli tikkonfronta lill-imputat, madanakollu ma tat l-ebda piż probatorju lil dan il-fatt, u dan peress illi allura l-istess kwerelanta kienet qiegħda tonsob lill-esponenti, sabiex tkun tista' iġġielu jgħid ċertu affarijiet, sabiex imbagħad tkun tista' tirrikattah bihom sabiex tieħu dak li riedet hi fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), tant hu hekk, li kien biss meta ma waslux permezz tal-medjazzjoni, illi il-kwerelanta iddeċidiet li tmexxi bil-kawża kriminali. Illi hija l-umli opinjoni ta' l-esponenti, illi persuna imbażża' ma kien ikollha l-ebda premeditazzjoni biex tagħmel dan kollu. Lanqas ma jirriżulta, illi b' xi mod l-esponenti hedded lill-kwerelanta, aktar u aktar lix-xhud Andrea Malucelli. Illi għalhekk, l-esponenti ma kellux jinstab ħati ta' l-erba' (4) akkużi.

2. Illi dwar il-piena, fl-ewwel lok, għandu jingħad, illi il-prosekuzzjoni qatt ma' talbet illi tingħata Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-kwerelanta. Fil-fatt il-prosekuzzjoni talbet biss illi f' każ ta' ħtija, tipprovdi biss għas-sigurta ta' Maria Rosaria Spiteri (peress li qabel ma' żżewġet kienet Spiteri), u dan permezz tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe l-obbligazzjoni. Illi inoltre, lanqas ma' l-prosekuzzjoni talbet, illi b' xi mod din is-sigurta għandha testendi għall-persuna tax-xhud Andrea Malucelli. Illi fil-fatt ukoll, mill-provi prodotti, ma jirriżulta minn imkien illi b' xi mod l-imsemmi Andrea Malucelli, kien vittma, u lanqas ma jirrafigura bħala tali fl-akkużi maħruġa mill-pulizija fil-konfront ta' l-esponenti. Illi li kieku għall-grazzja ta' l-argument u bla preġudizzju għal dak espost fl-aggravju preċedenti, hemm bażi biżżejjed sabiex l-esponenti jinstab ħati, madanakollu, fiċ-ċirkostanzi, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kellha timponi l-Ordni ta' Protezzjoni, u inoltre lanqas fil-konfront ta' Andrea Malucelli, u dan għar-raġunijiet suesposti.

3. Illi fit-tielet lok, li kieku għal grazzja tal-argument, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-esponenti kellu jinstab ħati, xorta fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, ma kellu jiġi inflitt it-terminu massimu, u cioe ta' tlett (3) snin, ai termini ta' l-Artikolu 22 (l) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-kas tal-liberta bil-kundizzjoni, u dan peress illi kif jirriżulta mill-provi prodotti, hemm ħafna ċirkostanzi illi għandhom jimmilitaw favur l-esponenti, partikolarment il-fatti kif spjegati fl-ewwel aggravju.

4. Illi fir-raba' lok, li kieku għal grazzja tal-argument, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel tlett (3) aggravji, l-Ewwel Onorabbli Qorti, kellha timponi l-Ordni ta' Protezzjoni, hija wkoll l-umli opinjoni ta' l-esponenti, illi lanqas ma kellu jiġi inflitt it-terminu massimu kontemplat, u cioe dak ta' tlett (3) snin, taħt l-Artikolu 412 Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress illi kif ġia ingħad, jirriżulta mill-provi prodotti, illi hemm ċirkostanzi diversi illi għandhom jimmilitaw favur l-esponenti, kif fil-fatt ġia spjegat, fl-ewwel aggravju.

Ikkunsidrat,

Illi **PS 1026 Bernard Gauci** xehed permezz ta' affidavit. Huwa ddikjara li nhar il-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghal habta ta' 13:40hrs Maria Rosaria Malucelli marret gewwa l-Ghassa tal-Qawra sabiex tistqar illi hija kienet tohrog mal-boyfriend Darren Debono li minnu hi kellha tifel u marru jghixu flimkien gewwa l-Mellieha. Spjega li qalet li ghall-habta ta' Lulju kellha argument mieghu fejn hu qabad sikkina f'idejh u ghamilha ma ghonqu u qalilha '*Jiena ghala zobbi u bis-sikkina natijilek*'. Tghid li minn dakinhar telqet mill-appartament flimkien ma tifel taghha ta' erba (4) snin. Hija kompliet tghid li ltaqghet ma' partner gdid u l-ex partner taghha Darren Debono beda jdejjaqha ghaliex beda jmur wara il-bieb tad-dar ta' Maria Spiteri kif ukoll kemm il-darba qabditu jiehu ritratti tal-karozzi personali ta' Maria u tal-boyfriend taghha Andrea Malucelli. Tghid li qatt ma marret ghand il-pulizija biex izzomm il-kwiet imma hija stqarret li kienet batitlu xi messaggi tghidlu biex ihalliha bi kwieta kif ukoll biex ma jigix wara l-bieb tad-dar taghha.

Jghid li hi stqarret li minn Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u s-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), Darren Debono bat lil Maria Spiteri 4000 messagg fejn dawn in generali kienu jistqarru hekk '*Fejn Qeda*?' '*x'qed taghmel*? '*ma min Qieghed it-tifel*.' Ix-xhud fl-affidavit tieghu jghid li peress li hemm ammont kbir ta' messaggi, ghandha tipprovdi screen shots tal-messaggi kollha. Tghid ukoll li kien hemm drabi fost hafna li f'siegha kienet tircievi fuq aktar minn 100 missed call.

Hi provdiet in-numru li Darren Debono kien qieghed jibghat il-messaggi u n-numru tal-mobile li fuqu bdiet tircievi l-messaggi, u li kemm hu anke hi ghandhom il-linja mal-Go mobile.

L-affidavit jipprovdi li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghall-habta ta' 1840hrs, Darren Debono gie gewwa l-Ghassa tal-Qawra sabiex jaghti l-verzjoni tieghu fir-rigward tar-rapport. Wara li kkonsulta mal-Avukat tieghu u ffirma l-karti li jghidu dan, huwa stqarr li f'Novemrbu tas-sena elfejn u sittax (2016) wara li kienu ilhom jghixu flimkien ghal ghaxar (10) snin, hija telqet ma ragel iehor, telaqa u rega’ laqaha lura. Fl-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija telqet mid-dar, ippakjat u telqet bit-tifel, qaltlu li kriet appartament u sejra toqghod wahedha mat-tifel, u meta ikkonfrontaha hi qaltlu li qed tikri flat ma Taljan u tfajla tieghu. Jghid li huwa imbaghad sar jaf li qed tghix mat-Taljan fl-ahhar ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Meta mistoqsi dwar il-messaggi huwa stqar li ovjament kien jibghat

ghax ried ikun jaf fejn hu t-tifel u ghalxiex qed jorqod ma ragel barrani. Huwa kompla jghid li huwa normali li bat dawn il-messaggi meta kien hemm relazzjoni ta' ghaxar snin u specjalment kien involut it-tifel taghhom.

Huwa kompla jghid li anke hi kienet tibghatlu ezattament f'Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) rigward it-tifel meta l-partner taghha jkun xoghol. Huma kienu jitkellmu rigward it-tifel fejn kien jibghatilha ritratti bit-tifel peress li dak iz-zmien kien qed jghix mieghu. Dan kien bil-mohbi tal-partner taghha fejn anki kienu uzaw code words bhal "marcellinu" biex tavzah li qieghda waheda. Huwa stqar li dan juri li tant li ma kinitx tiddejjaq, li kienet tibghat hija stess volontarjament.

Skont l-affidavit ta' PS 1026 Darren Debono spjega li ma kienx jaf fejn toqghod ghax qatt ma qaltlu minn Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u allura qatt ma mar quddiem il-bieb taghha. Huwa wera lil Pulizija xi videos u ritratti tat-tifel tieghu jilghab mal-partner taghha sabiex tinkih. Huwa stqarr li sar jaf f'Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) meta t-tifel tieghu gie joqghod mieghu ghal disgħa (9) gimghat. Dan sar jaf minhabba proceduri civili fil-qorti minhabba t-tifel.

Meta mistoqsi jekk kienx hemm xi messaggi minn naha taghha fejn insulentatu b'xi mod huwa wiegeb fin-negattiv izda qal li gieli insulentatu waqt telefonati li jsiru. Meta mistoqsi rigward is-sikkina huwa stqarr li mhux vera li ghamel dan. Meta mistoqsi rigward ir-recordings li ghandha fejn jinstema joffendiha huwa jammetti li kien hemm xi drabi fejn offendiha. Darren kompla jghid li xtaq jistaqsi ghaliex hi giet tirraporta llum meta llum stess kellhom medjazzjoni u li nghalqet u minhabba f'hekk huwa telaghha il-Qorti.

L-affidavit jipprovdi wkoll li minkejja li l-Pulizija avzat lil kwerelanta sabiex iggib ritratti tal-messaggi u recordings tat-telefonati li hi rnexxilha tissejva, hi baqghet ma gabet xejn.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' PS 1026, rapport tal-incident, dikjarazzjoni ta' ha d-dritt ghal parir legali[1], affidavit ta' Marisa Gauci in rapprezentanza ta' Vodafone Malta Limited,

[1] skont kif jidher a fol 13. Il-verbal tas-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) erronjament jirreferi ghal dan bhala '*dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal-parir legali*'

affidavit ta' Anthony Bonnici in rapprezentanza ta' Go plc u affidavit ta' Amelie Abela in rapprezentanza ta' Melita plc.

**Marisa Gauci** in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone Malta Limited permezz ta' affidavit tghid li hi tokkupa l-kariga ta' Data Requests Administrator. Hi ddikjarat li mir-ricerka li ghamlet minn fuq is-sistema tas-socjeta' Vodafone Malta Limited ma rrizulta ebda informazzjoni fuq dik mitluba.

**Anthony Bonnici** in rapprezentanza tas-socjeta' Go plc jghid li jokkupa l-kariga ta' Data Requests Administrator mas-socjeta' Go plc, permezz ta' affidavit huwa ddikjara li mir-ricerka li ghamel minn fuq is-sistema tas-socjeta' GO plc, ma rrizulta ebda informazzjoni fuq dik mitluba mill-Pulizija.

**Amelie Abela** in rapprezentanza tas-socjeta' Melita Limited li tokkupa l-kariga ta' Legal Counsel permezz ta' affidavit iddikjarat ukoll li mir-ricerrka li ghamlet minn fuq is-sistema tas-socjeta' Melita Limited ma rrizulta ebda informazzjoni fuq dak mitlub mill-Pulizija.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet **Maria Rosaria Spiteri** li qalet li ilha taf lil Darren fuq disa' (9) snin. Xehdet li wara erba (4) snin, hames (5) snin li kienu flimkien kellhom tifel. Tghid li minn dejjem kien naqra aggressiv, messaggi jghidilha hafna affarijiet biex iweggaha imma hi dejjem qalet "*forsi stress minhabba x-xoghol*" u dejjem qadet lura, dejjem qadet kwieta. Tghid li dejjem titlaq mid-dar u terga tmur. Tghid li kien jimmanipulha, li hi ghandha bzonnu u li ma ghandha bzonn lil hadd iktar u tghid li vera ghax kienet terga' tmur hemmhekk ghax mohha kien jghidilha hekk. Tghid li imbaghad kellhom it-tifel. L-affarijiet gravaw ghax kien iqum it-tifel bil-lejl jibki, kien ikun irid iqum fil-hamsa u nofs ta' filghodu u t-tifel ovjament tarbija ha tibki bil-lejl u tghid li ma kienx ikollha x'taghmel hlief li tqum u jkollha toqghod mat-tifel tiprova ssiktu. Tghid li bilkemm kienet torqod bil-lejl ukoll. Tghid li telqet xi erba' (4) darbiet kemm kellha t-tifel.

Xehdet li kienet titlaq ghand ommha dejjem u terga' tispicca tmur hemmhekk. Tghid li hi dejjem ippruvat toqghod kwieta imma issa mbaghad meta rat l-affarijiet li f'Lulju kellhom argument zghir u dan l-argument zghir kiber tghid li qalet "*jiena ma jistax ikun nibqa' hawn. It-tifel ghandu bzonn li jkollu hajja normali mhux dejjem jara lil ommu u lil missieru dejjem jiggieldu u jilletikaw*" u ddeciediet li titlaq ghal kollox. Telqet ghax

ghamillha mossa b'idu. Tghid li qalilha "*jekk ma taghmilx dak li nghidlek jien, dejjem tghid li trid u ma taghmilx dak li nghidlek jiena jien naqbad din is-sikkina u ntihielek hekk*". Tghid li qabdet it-tifel, telqet go kamra, bhas-soltu kienet tmur tibki wahedha u ddeciedejt li tippakja u titlaq. Qalet li ghamlet xi gimgha, gimghatejn biex tippakja u titlaq u telqet ghax bezghet tibqa' hemm. Ghax qalet li l-affarijiet se jigravaw. Tghid li telqet ghand ommha u ddeciediet li tmur tikri post ghal rasha. Tghid li marret tikri post ghal rasha u ltaqghet ma' dan il-guvni li llum mizzewwga mieghu u qeghdin kuntenti flimkien u f'dak iz-zmien kienu qed isiru jafu lil xulxin, fiz-zmien ta' Awwissu. Meta dan sar jaf li jien ghandi guvni iehor l-affarijiet gravaw tghid li '*jibghatli l-messaggi, calls bl-addocc, wahda wara l-ohra. Inkun ix-xoghol darba minnhom anke mitejn missed call kelli wahda wara l-ohra. Jiena nkun ix-xoghol ma nistax nirrispondi. Dan mhux biex isaqsi affarijiet tat-tifel imma biex jara fejn qieghda jiena. Dejjem kien isaqsi "fejn qieghda?" U "fejn qieghda?" U "ma min qieghda?" u "fejn hu t-tifel?" U dawk l-affarijiet u qatt ma hallieni kwieta.*' Tghid li kienet tghidlu biex ihalliha kwieta u li hi ghandha hajjitha u trid tghixha. Tghid li tahseb li ghandha kull dritt li hi tghix hajjitha u li t-tifel ghandu kull dritt ukoll li ma jibqax jara lil ommu u lil missieru jiggieldu imma jara l-paci. Iddeciediet li titlaq u li ghamlet ghamlitu ghal gid taghha u tat-tifel.

Tghid li bhala messaggi jibghatilha '*xebgha daghha*', li ghandha ragel iehor. Tghid li l-b'referenza ghal dak li esebit, l-ewwel wahda saret f'Settembru, tghid li qalilha li jekk se jaraha mieghu se jispicca l-habs. B'referenza ghal dokument RS4, tghid li ntbaghtu fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena efejn u tmintax (2018). Tghid li hemm hafna messaggi imma impossibli li ggib kollox. Tghid li fit-telefonati kien "*Jghajjarni qahba, u anke ommi qahba ghax tehodli hsieb it-tifel, Ghandi l-calls kollha hawnhekk ghax jiena kelli recorder fil-mobile biex inzomm bhala. Ghalija bhala kif naqbad nghid? Provi ghalija ghax jien ma rridx li l-affarijiet iduru kontrija. Jiena dejjem kont sew mieghu u qatt ma xtaqt li nispicca hawn gew.*' Il-kweranta prezentat pen drive bit-telefonati. Dr Alicia Camilleri ghall-kwerelanta tispjega li huma telefonati, tlieta jew erbgha tat-tlieta (3) ta' Jannar u hemm xi tnejn tal-erbgha (4) ta' Dicembru.

Il-kwerelanta tghid li kienet tibqa' kalma hafna ghax fl-ahhar mill-ahhar hi kienet tkun trid tirraguna minhabba t-tifel u mhux biex tiggieled jew toffendi. Tghid li hu qatt ma ried jirraguna. Tghid li '*Jien wara dawk il-calls ghalkemm kont nibqa' kalma kif jispiccaw il-*

*calls kont inkun imrieghda u mbezza' u lanqas niekol ghax kont inhossni wisq imbezza'. Ma kontx.'*

Mistoqsija mill-Qorti jekk telqitx mid-dar f'Lulju wiegbet li f'Lulju u mistoqsija jekk baqghetx tircievi telefonati, wiegbet li sal-bidu ta' Jannar baqghet tircievi l-*calls*. Tghid li l-*calls* waqfu meta l-Ispettur kellmu l-Qawra ghalkemm baqghet tircievi ftit messaggi ukoll li jirrigwardaw it-tifel. Tghid li forsi kien hemm xi kliem hazin imma naqsu hafna.

Mistoqsija jekk marritx taghmel rapport l-Ghassa f'xi punt qalet li marret taghmel rapport ghax rat li ma jridx jiftihem minn mat-tifel biex lilha jhalliha minn mar-ragel taghha 'l boghod ghax hi u r-ragel bhalissa mhumiex jghixu flimkien minhabba digriet li nghata f'Novembru u huma zzewwgu f'Jannar. Xehdet li minhabba d-digriet mhumiex jghixu flimkien u qed thossha mbezza' li qed tghix wahedha. Mistoqsija ma min jghix it-tifel qalet li jghix maghha u li kull ma jiehdu darbtejn fil-gimgha, t-Tlieta u l-Hamis bejn l-erbgha u s-sebgha.

Mistoqsija dwar l-attitudni ta' Darren waqt dawn it-telefonnati qalet li '*Aggressivi, irrabjat hafna. M'ghandux ghalfejn ghax jien dejjem ridt intih it-tifel imma hu rrabjat ghax tilef lili fil-verita', jiena dejjem kont sew mieghu. U allura jara li tilef is-sewwa allura jrid jiggieled ghal dak.*' Mistoqsiija x'kien jaghmel aktar Darren apparti dawn it-telefonati u messaggi qalet li '*kien jghaddi minn quddiem il-bieb tad-dar, ghax il-karozza tieghu ghandha hoss partikolari u kont nisimghu ghaddej u gieli anke ttawalt u rajtu, jien dejjem bil-bieb u bit-twieqi maghluqin, bil-bieb tal-gallarija maghluq u l-bieb ta' barra msakkar ghax nibza'. Barra minn hekk kien baghat hafna messaggi lill-kollegi tax-xoghol tieghi biex isir jaf affarijiet fuqi u ma' min qed inkun u dawk l-affarijiet. Anke lill-boss tieghi baghat ghax sa ftit ilu qaltli. Ma riditx tghidli biex ma tinkwetanix imma qaltli. Baghat ukoll messaggi lill-mummy tar-ragel tieghi, joqoghdu l-Italja ghax hu Taljan, biex jara kif igib ruhu hu mat-tfal u hekk peress li ahna ghandha tifel u din irrispondietu bl-akbar sincerita' kollha.*' Tghid li ghandha messaggi ta' ommu u messaggi lill-eks tieghu biex jghidilha jekk hi ghadhiex thobbu, jekk hu joqghodx jibghatilha li jhobbha jew jibghatilha messaggi ohra biex imbaghad jibghathom lilha u juriha. Tghid li biex hu jara x'se jaghmel biex igellidha.

Mistoqsija sa meta' baqa'ghaddej dan l-agir ta' Darren li jibqa' jsegwiha, qalet li sa Novembru zgur, tghid li ghax imbaghad naqas naqra peress li hemm digriet li r-ragel taghha ma jidholx id-dar u hemmhekk strah hu. Tghid li dak li jrid li r-ragel ma jidholx id-dar biex ma jkunux familja. Tghid li hemm digriet li nghata f'Novembru u tghid li prezentat rikors f'Jannar gimgha qabel izzewgu u li hu qatt ma rcevieh ghax ma qatt ma jkunu d-dar. Dwar id-digriet tghid li huwa dwar li terzi persuni ma jidhlux. Tghid li ma ghadhomx gharajjes izda huma mizzewgin u li hu qed iccahhadha milli tkun mar-ragel taghha.

Dwar kif jaffetwaha l-attitudni ta' Darren b'mod specjali b'referenza ghal telefonati u messaggi tghid li '*affettwatni hazin hafna, inqast hafna mill-weight, moralment ukoll ghax mhux facli li tircievi u tisma' dawk il-calls go widnejk imma kif ghedtlek jien dejjem bqajt kalma u dejjem bqajt fuq saqajja ghax jien ghandi t-tifel li rrid niehdu hsiebu. Li kieku jien ma bqajtx fuq saqajja t-tifel illum m'ghandhux omm ghax dan kien igieghelni naghmel affarijiet. Jghajjarni u dak l-affarijiet li bniedem ma jkunx b'sahhtu minn mohhu jasal jaghmel certu affarijiet.*'

In kontro-ezami mistoqsija kemm kienet ila f'relazzjoni tghid li kwazi disa' (9) snin, kwazi ghaxra (10). Hi kkonfermat li t-tifel ghandu hames (5) snin u li qabel kienu jghixu flimkien, daqqa ghand ommha u daqqa ghandu. Mistoqsija jekk tikkonfermax jekk wara dahar ir-ragel kinitx xorta tikkomunika ma' Darren minhabba t-tifel tghid li iva. Tikkonferma li kienu juzaw code '*Marcellino*', hu kien jghidilha '*Marcellino*' biex hi tkellmu lura. Tghid li kien juza dawn il-messaggi mbaghad wara kien joqghod jibghathomlu u jurihomlu biex juzahom biex jitlaqni ghax qed tikkomunika mieghu minn wara daru. Tghid li darba minnhom kienet ila ma tara t-tifel zmien ghax hu gielgha tatihulu biex jiehu hsiebu. Tghid li marru l-bandli, hadlu ritratti mat-tifel u bghathom lilu biex jghidlu li qed tiltaqa' mieghu minn warajh. B'referenza ghar-ragel taghha tghid li mhux ghax qatt ma hallieha imma jibza' li jaghmlilha xi haga. Allura dejjem kien izommha 'l boghod minnu. Tghid li biex jipprotegiha kien jghidilha biex ma tmurx tara t-tifel jekk ma jkunx hemm hu.

Tghid li kien juza l-messaggi kien jikkomunika maghha u jigifieri jibghatilha r-ritratti tat-tifel, kif inhu t-tifel u hekk ghax kienet tghidlu li trid tara t-tifel. Tghid li qabad u ha t-tifel minn jeddu tant li gieghla tatih kollox tat-tifel. Tghid li '*Dan huwa ragel manipolatur. Gieghelni ntih kollox tat-tifel f'Settembru. Qalli "ghax inti ma tistax twassal lit-*

*tifel l-iskola ghax tibda' fit-tiemnja x-xoghol, iddum sal-erbgha xoghol, il-hamsa xoghol ma tistax tiehu hsiebu"* Tghid li mmanipulaha u qallilha li ttih it-tifel u tibda tigi tarah filghaxija. Tghid li qaltlu li fil-weekend jorqod maghha. Tghid li kif waslet l-ewwel gurnata biex tmur tara t-tifel dejjem b'xi skuza u kif wasal il-weekend biex tiehdu maghha qalilha li mhux se jaghtihulha ghax tahrablu bit-tifel, li ha titlaqlu l-Italja. Tghid li dan it-tifel lanqas kellu passaport. Tghid li riedha jhossha nieqsa mit-tifel biex hi terga' tmur ghalih bhal ma dejjem ghamlet. Tghid li dejjem waqghet ghalih imma din id-darba zammet soda u waqfet ghal kollox.

Hi kkonfermat li baghtitlu ritratti tat-tifel ma dak li llum huwa r-ragel taghha imma tghid li batitomlu ghax hu kien imbezza' li t-tifel mhuwiex kuntent ma dan il-bniedem. Tghid li hu xtaq li tibghatlu r-ritratti u ghandha l-konverzazzjoni kollha. Tghid li batithom mhux biex tinkih ghax kieku mhux se taghmel hekk, tinkih taghmel affarijiet ohra. Tghid li hu xtaq ir-ritratti u hi bghatitomlu. Mistoqsi x'kienet taghmel affarijiet ohra biex tinkih tghid li '*Le le. Poter bhalma jaghmel hu fuqi. Ma nafx x'naghmel imma jien qatt m'ghamilt.*' Tghid li ma marritx tghix ma dik il-persuna. Tghid li hu ra bic-car li it-tifel mhuwiex imbezza' mit-tifel, it-tifel kien qed igib ruhu tajjeb hafna ghax meta kienet tmur ghalih it-tifel flok jigi ghandha u jbus lilha johrog jigri b'kemm ghandu sahha fil-garaxx biex imur jigri fuq Andrea ghal gol-karozza. Tghid li t-tifel ma kienx jikkalkulaha, kienet tibki fil-karozza ghax hu kien imxennaq minnu mhux minnha. Li t-tifel aktar qed jiehu gost jara lil Andrea milli lilha. Tghid li hu kellu provi cari li t-tifel qieghed kuntent ma' Andrea. Tghid li kien jara t-tifel f'kundizzjoni tajba li qed jiltaqa' ma' dan il-bniedem.

Ikkonfermat li d-digriet li hemm prezentaement jispecifika li l-kura u kustodja hi kongunti, it-tifel ghandu jghix maghha, li ma ghandux ikun hemm terza persuna fil-prezenza tal-minuri u gie ffissat l-access stabbiliti mill-Qorti. Tikkonferma li ghamlet rikors biex tvarja dan id-digriet.

Tikkonferma li kien hemm medjazzjoni u li ma waslux ghal ftehim. Hi kkonfermat li fil-ħdax (11) ta' Jannar kellhom seduta quddiem medjatur u dakinhar tas-seduta Darren Debono ghazel li ma jkomplix bil-medjazzjoni, iwaqqaf il-procedura. Hi spjegat ghala skont hi ghalaq il-medjzzjoni. Mistoqsija li ghazlet li dakinhar taghmel ir-rapport lil Pulzija, tghid li dak in-nhar marret. Suggerita li marret ghax ma accetatx dak li xtaq li jkun hemm hu wkoll, qalet li hi dejjem ghadet kwieta minhabba x-xoghol

tieghu ghax tirrispettah hafna ghax xorta dak kollu li ghamillu tibqa' tirrispettah. Tghid li marret taghmel rapport ghax iddeciedet li dan qed jaghmel hekk imma mhux ghal glieda ghat-tifel, glieda mhux glieda imma bhala li jkollu iktar hin u dawn l-affarijiet imma bhala pika biex jiena ma nkunx mar-ragel tieghi. Qalet li rat li dak il-kwiet li qaghdet fih qed taghmel hsara lilha nnifsha. Tghid li ddecidedi li tqum fuq saqajha ghax tghid li '*dejjem kont capsa bil-Malti*', tqum fuq saqahja u tiggielied ghad-drittijiet u l-affarijiet taghha. Tghid li trid tghix ħajjitha.

Mistoqsija jekk tikkonfermax li minn Jannar li ghadda l-affarijiet illum ikkwietaw bejnithom tghid li kwietaw, tikkonferma li ma ghadx hemm daqshekk komunikazzjoni bejniethom u li qed ikun hemm komunikazzjoni ghar-rigward tat-tifel. Tghid li waqfu l-messaggi u l-calls mhux hazin ghax kellmu s-Surgent.

In ri-ezami tghid li dwar Andrea, kien hemm messaggi jghidilha li l-ebda Qorti u l-ebda Pulizija m'hi ha zzommu fir-rigward tat-tifel. Tghid li kien anke bghat messagg direttament lil Andrea jghidlu "*inti kun il-missier ta' ibni, nafdak, tidher ragel tal-familja.*" Tghid li ghandha messagg, u li jafdaw b'ghajnejh maghluqa u li jghidlu "*kun missier ibni u jekk ikollok bzonn xi parir ghidli u jiena ntik.*" Tghid li kien hemm telefonata ta' xi kwarta fejn jghidilha li ghada se jmorru ghand l-avukat, li ma jridx jara lit-tifel, biex it-tifel tiehu hsiebu hi u li ghejja, xeba, u biex jaghmlu familja bejniethom u li ma jridx ikollu x'jaqsam aktar maghhom.

Fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed ukoll **Andrea Malucelli**, fejn skont il-verbal peress li ma jifhimx bil-lingwa Maltija u lanqas b'dik Ingliza, il-Qorti innominat lil Dr. Valentina Lattughi bhala interpretu biex titraduci x-xhieda tieghu mit-Taljan ghal Malti u vice versa. Jghid li hu ghandu relazzjoni normali bhala kull koppja. Jghid li beda jsir jaf lil Mary u qaltlu li ghandha tifel u hu qalilha li m'hemmx problema li ghandha tifel dment li flimkien mal-eks partner ikun hemm qbil u li hu ma jiffigurax fin-nofs. Jghid li f'Awissu ddeciedew li jmorru jghixu flimkien peress li Malta kien jghix wahdu pero' ghall-ewwel xahar ma kienux qed jghixu l-hin kollu flimkien. Jghid li peress li kien jahdem hafna sieghat, xi hamsa u tmenin siegha allur ma kienx hemm hafna cans biex joqghodu flimkien. Jghid li l-ftit hin liberu kien iqattghu maghha biex isir jaf lilha u t-tifel taghha. Jghid li meta ra lit-tifel taghha komdu u kien kuntent, hu u Mary ddeciedew li jghixu flimkien. Jghid li dejjem gab ruhu b'mod sew, dejjem hadem, qatt ma kellu problemi bil-ligi. Jghid li

l-fatt li llum ma jistax jghix maghhom jiprova almenu jkollu kuntatt b'telefonata biex jismaghhom. Jghid li fil-bidu kien kollox qed imur sew imbaghad meta s-sur Debono nduna li din ir-relazzjoni hija xi haga vera u mhux ivvintata, beda jaghmel minn kollox. 'Tmenin mitt telefonata kul jum.' Jghid li ghen lil Mary Rose biex taghmel application biex tibblokka dawn ittelefonati. Jghid li '*Iktar minn hames mija u sitt mija messaggi kulljum.*' Qatt ma ltaqa' ma ommu pero' baghtilha wkoll messaggi fis-siegha u nofs ta' filghodu. Jghid li xejn hazin pero' ma kienx il-lok, il-hin addatt. Jghid li s-Sur Debono baghat ukoll messaggi lil kollegi tieghu fuq il-post tax-xoghol, tfajliet. Jghid li anke lilu baghat messaggi imma xejn hazin, fis-sens trankwill. Jghid li ghandu l-messaggi kollha u kien jikkomunika b'tali mod biex forsi jaslu x'imkien u ma jispiccawx il-Qorti. Jghid li '*Fil-bidu kienet tiffunzjona din il-haga pero' mbaghad il-gurnata ta' wara kien hemm persuna ohra. Kien jibghatli messaggi privata u kien jaghmel fake profiles fuq Facebook u qabel ma hu jkun ikkancella l-profiles jien inkun ilhaqt hadt screenshot. Kien jibghatli rittatti nofs tieghu u nofs tal-eks tieghi.*'

Dwar telefonati u messaggi li kienet tircievi Mary Rose minghand Darren jghid li '*Dawn huma affarijiet tal-imgienen. Qatt ma smajt u rajt messaggi u telefonati bejn mara u ragel f' dan is-sens. Mhux biss bi kliem hazin u anki l-mod u l-kattiverja li kien hemm f' dawn it-telefonati. Ma jistax ikun li l-mara tieghi waqt li jiena nkun xoghol tghidli "jiena nibza' ninhasel wahdi", u jkolli naghmel il-mobile biex jiena nkun qisni prezenti hemmhekk, insegwi. Meta jiena stajt nibqa' fid-dar flimkien ma' marti u t-tifel u kont nisma't-telefonati ta' bejniethom jiena lil Mary Rose kont narah tirrispondi b'mod normali u mhux aggressiva. Mhux bhas-sur Debono.*'

Mistoqsija mill-Qorti kif qed jghid li blokkja n-numru ta' Darren mill-mobile ta' Mary Rose kif baqghet tircievi telefonati minghandu, jghid li t-telefonati baqghu ghaddejin anke messaggi wara li ghamel l-application biex jibblokkja n-numru tas-Sur Debono ghaliex hu kien icempel private number jew minn numri ta' terzi persuni. Jghid li qabel id-digriet dan.

In kontro-ezami jikkonferma li minn Jannar l'hawn da parti tas-Sur Debono telefonati u anke messaggi vera ma baqax jibghat pero' hemm terza persuna ma nafux min hi li qed tistaqsi lil Mary Rose u tibghat lil Mary Rose biex issaqsi kif inhi ghaddejja fil-hajja mizzewwga taghha. Jghid li l-affarijiet illum qeghdin kalmi u s-sur Debono qieghed

kalm proprju ghaliex il-Pulizija kellmuh u ghandu l-kawza llum. Jghid li sa fejn jaf hu u s-soltu martu tghidlu kollox, mhux qed jibghat messaggi lilha minn Jannar.

Fl-istess seduta tal-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) regghet hadet il-pedana tax-xhieda Maria Rosaria Spiteri fejn qalet in-numru taghha u n-numru ta' Darren. Tghid li taghha registrat u ghandha kuntratt mal-kumpannija GO u anke l-imputat.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed **Anthony Bonnici** ghan-nom tas-socjeta' Go plc fejn saret referenza ghall-affidavit tieghu. Jghid li r-ricerka dwar iz-zewg numri li gie mitlub kienet negattiva. Skont ix-xhieda jirrizulta li wiehed minn numri li dwaru kellu jiccekja huwa hazin u ghalhekk ir-ricerka kienet fin-negattiv.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed l-**imputat Darren Debono** li jgħid li ilhom f'relazzjoni ghaxar (10) snin, huwa warrant officer fl-armata u ilu minn tal-inqas erba' (4)snin u nofs. Jghid li kellhom t-tifel wara erba' (4) snin u nofs. Issa llum il-gurnata ghandu hamsa. Jghid li f'Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) is-sinjura telqet ghat-tieni darba. Bazikament argumenti bhal kull familja normali. Meta telqet mal-ewwel qabdet relazzjoni ma' ragel iehor certu Adrian Galea mir-Rabat. Jghid li mill-ewwel bdiet iddahhal it-tifel id-dar ghandu. F'Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) skopriet din il-mara li setghet tkun pregnant minn dan ir-ragel, telaqha u hu rega lqaghha lura bil-possibilta' li setghet kellha tifel minghand ragel iehor. Jghid li regghu bdew jippruvaw ir-relazzjoni minhabba t-tifel. Jghid li kienet tosta u egoista ghax telqet u missha hasbet naqra fit-tifel u fl-affarijiet. Jghid li mhux veru li f'Lulju hu ghamel sikkina m'ghonqu u heddidha li joqtolha. Jghid li mhux vera li telqet f'Lulju. Jghid li ghandu l-messaggi li sal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju kienet ghadha qieghda d-dar. Jghid li l-affari kienet pjannata. Jghid li l-flat krewh hi u hu. Jghid li krew l-appartament f'nofs Lulju u kienu ga krewh ghal xi sena flimkien. Jghid li hi telqet bit-tifel. Jghid li qaltlu li sejra tghix wahedha, jghid li t-tifel kien dejjem ikun mieghu mis-sebgha' ta' filghodu sas-sebgha ta' filghaxija sakemm kienet tkun xoghol. Jghid li ghal ewwel gimgha gimghatejn it-tifel beda jghidlu "*daddy, daddy man kissed mama*". Jghid li kien jiprova jikkonfrontaha u kien jghidilha "*Mar, inti wahdek qed tghix ghax it-tifel qed jghidli hekk*" u hi kienet tghidlu "*mhux ta' tfal. Jivvintaw. Jivvintaw.*" Jghid li prova jaghmel ricerka ghalfejn it-tfel qed jaghmel hekk u jsaqsi 'l hemm, naqra 'l

hawn u skopra li hemm ragel jghix mat-tifel tieghu. Jghid li kkonfrontaha u qaltlu li qed jghix hu maghha. Hu u l-girlfrined tieghu ghax hu kellu relazzjoni ta' sitt (6) snin ma wahda Taljana. Jghid li kkonfronta lilha, lit-tfajla tieghu, li qaltlu li mhux vera, li ma taf xejn u li telqet lejn l-Italja ghax ma tistax tibqa' tghix Malta. Jghid li skopra dawn l-affarijiet, beda l-proceduri legali u li hu taht xokk kbir. Jghid li '*Xokk dan ma nafx min jigifieri min ikellu mara relazzjoni ta' ghaxar snin bit-tifel ta' erba' snin u nofs u l-ghada li titlaq tmur traqqad it-tifel ma' ragel iehor hija naqra ta' xokk. Ghall-grazzja t'Alla llum il-gurnata hrigt minnha.*' Jghid li pruva jaghmel minn kollox biex anke t-tifel iqabbadlu psikjatra ghax it-tifel kien qed ikun hafna nervuz. Jghid li dejjem mieghu, mis-sebgha ta' filghodu sas-sebgha ta' filghaxija. Jghid li f'Settembru qabel ma beda skola s-sinjorina hadet zball, jghid li t-tifel ma hadux imma hi gabitu ghax ma kinitx kapaci twasslu l-iskola. Jghid li gabitlu l-hwejjeg kollha tieghu u ghamel disa' gimghat u nofs straight irabbih. Jghid li kien iwasslu l-iskola, jigbru mill-iskola, iraqqdu mieghu u kollox. Jghid li safrattant bdew l-proceduri legali. Jghid li f'Novembru kienet toqghod tibghatlu fuq Facebook u li bil-password '*Marcellino*'. Jghid li ghandu messaggi li juru li kienet ghada ma telqitx mid-dar fil-31 ta' Lulju u li mhux vera telqet f'nofs Lulju.

Jghid li d-diskursata kienet tkun li "*dan huwa l-unika mezz li ghandi nista' nkellem lit-tifel?*" "*Tikxifnix*", "*hu qieghed xoghol*", "*mhux qieghed hdejja*", dawn l-affarijiet fi zmien Novembru. Jghid li fi span ta' tliet (3) xhur erba' (4) xhur graw l-affarijiet, illi zzewget, it-tifel, telqet ma' ragel iehor. Jghid li '*Hawnhekk ghandi messagg baghtuli minn fuq number iehor fejn qed tghid hi lil din il-persuna, ma nafx min hi u li ha jkollu issa t-tifel ha jkollu step father gdid*'. Jghid li ma jafx min baghtuli ghandu n-numru issejvjat. Jghid li f'Settembru meta telqet wara tlett gimghat kienet tigi quddiem il-bieb tad-dar tieghu ma ragel li ma jafx min hu u joqghodu jibghatulu r-ritratti. Jghid li r-ritratti juru lit-tifel ma ragel barrani bl-ilsienhom barra jghajjbuh. Jghid li r-ritratti gew ghandu ghax baghtuhomlu whatsapp huma. Jghid li f'Settembru baghtulu video bit-tifel tieghu ma dan ir-ragel li ma kienx jaf min hu qed jilghabu boxing u hi telqet fl-Ewwel t'Awwissu. Jghid li f'Novembru kienu qed jibghatu lil xulxin '*Volontarjament hi ma kinitx iffastidjata minni ghax kienet tibghatli jigifieri bil-mohbi tar-ragel taghha.*' Jghid li bdew proceduri legali ghax hu xtaq u kien issuggerixxa li t-tifel jerga' jigi jghix mieghu u fi zmien sena jkollha l-accessi u mar-ragel taghha jibdew jintroducuh bil-mod u forsi ma ttihx dak ix-xokk li persuna gdida ma jafx min hu qbadt u poggejtu hemmhekk.

Jghid li telqet u t-tifel marret traqqdu ma' ragel iehor. Hu m'accettax, inghata digriet li t-tfiel ma jistax joqghod ma' terzi persuni. Gimgha wara skopra minghand in-nies tal-Mellieha "*isma' dik ha tizzewweg*". Jghid li mar igib it-tnidijiet taz-zwieg u fetah rikors b'urgenza, fil-hdax (11) ta' Jannar kellhom il-medjazzjoni u ma qablux. Jghid li ma accettatx li t-tifel jghix mieghu u jkun hemm l-access u mar-ragel taghha bil-mod, hu ghalaq il-medjazzjoni biex ma jkomplux itawluha u jmorru ghal Qorti. Jghid li dakinhar stess irceviet rikors tieghu b'urgenza u dakinhar stess marret l-Ghassa tal-Qawra. Jghid li ghamlitlu rapport li hu f'Lulju ghamel sikkina m'ghonqa u dawn l-affarijiet kollha. Huwa cahad li qatt gara dan. Jghid li '*min-naha taghha theddid u ma kienx ikun hemm*', izda li kienet tghidlu '*Li "it-tifel sab persuna ahjar minnek", li "ha jkollu step father". Dawn it-tip ta' affarijiet.*' Jghid li '*Hi bhala theddid u kliem hazin min-naha taghha, kliem hazin fis-sens ma kinitx toffendini jew hekk, pero' t-tip ta' kliem li kienet tghidli huwa li "isma' t-tifel ha jkollu step father ghax hu ahjar minnek ghal mat-tifel", "ghax it-tifel hekk*" Jghid li dawn it-tip ta' affarijiet li missier ghadek titlaq huwa xokk kbir ghal dawn l-affarijiet.

Dwar il-messaggi li esebit il-parti leza, mistoqsi jekk dak li kien jibghatilha kienx fiz-zmien li kienet tibghatlu dawk ir-ritratti u dan id-diskors kien jinghad minn naha taghha lilu, jghid li '*Dan kien iz-zmien ghall-bidu li telqet f' Awwissu u f' Settembru. L-ewwel xahrejn li telqet hux. l-ewwel xahrejn li telqet ghax skoprejt ghax ma kinitx kapaci tghidli hi li t-tifel qed traqqaduli ma' ragel iehor wara ghaxar snin ta' relazzjoni. Dawk l-affarijiet. Nahseb li huwa normali li missier ta' familja wara relazzjoni titlaqlu l-mara tmur traqqadlu t-tifel ma' ragel iehor irid jistaqsi u jrid jaf fejn hu t-tifel.*'

Mistoqsi issa kif inhi s-sitwazzjoni, jghid li l-affarijiet qeghdin kalmi hafna. Jghid li '*Sfortunatament it-tifel lanqas jiena ma mmur nigbru biex ma naqlax problemi ghax jiena ma nistax nafda lill-persuna. Nista' niftakar f' haga wkoll li f' Dicembru, fil-21 ta' Dicembru kellha tigi tippikja t-tifel mill-proprjeta' tieghi, kien hafna rih, ghedtilha biex iddahhal lit-tfiel fil-garaxx, ftaht il-bieba jiena tal-passiggier, dahhalt lit-tifel fuq wara u sakemm ha nnizzel is-seat u nitfaghla l-basktijiet il-persuna, is-sinjorina rriversjat fuqi u tatni daqqa ta' bieba.*' Jghid li mar l-Ghassa u ghamel rapport u ma jafx jekk kienx hemm proceduri. Jghid li kemm jista' jkun ma jiltaqax mal-persuna. Jghid li gieli tibghatlu hi meta jkollha bzonn biex jiehdilha hsieb it-tifel jew taparsi tkun ma tiflahx. Jghid '*Hemmhekk all right. Hemmhekk*

*hi tibghat imma jiena jekk jista' jkun kuntatt. Jiddispjacini hafna minhabba t-tifel imma kuntatti jiena min-naha taghha kemm jista' jkun l-inqas.*'

In kontro-ezami hu kkonferma n-numru tieghu. Mistoqsi jekk fit-tlieta (3) ta' Jannar li ghadda cempel u rega' bit-tghajjir u offizi lejha, lejn ommha, jghajjarha '*qahba*', wiegeb '*Ma nistax nghidlek 'iva' u lanqas nista nghidlek 'le' ghax skont x'kienet ghamlitli, jew x'ghamlitli jew x'qaltli ghax jiena bazikament jiena ma noqghodx nirrekordja u noqghod naghmel dawn l-affarijiet.*' L-Avukat tal-kwerelantsa spjegat li fuqu qed tghid, qalhomx hu.

Mistoqsi '*...Mela ghadek kif tghidilna wkoll li dawk il-messaggi li pprezentat Mary Rose kienu kollha ta' Settrmbru meta kont ghaddej minn zmien hazin.*' Ix-xhud wiegeb '*Settembru, Awissu u t'Ottubru.*' B'referenza ghal messagg tas-sebgħa (7) ta' Jannar ta' din is-sena li jidher RS4, jghid li mhemmx il-messagg li baghtet hi, mistoqsi jikkonferma li bghatilha dak il-messagg wiegeb li ma jafx ghax in-numru tieghu mhux jidher kull ma hemm '*Debono*', m'hemmx numru. Huwa kkonferma li meta kien jiehu lit-tifel mis-sebgha ta' filghodu sas-sebgha ta' filghaxija it-tifel kien ikun il-hin kollu mieghu, huwa ikkonferma wkoll li jahdem. Mistoqsi li f'xi hin it-tifel kien qieghed joqghod ma xi hadd mhux il-hin kollu mieghu, wiegeb li ma' ommha go boathouse. Jghid li m'ommu wkoll kien ikun. Mistoqsi jekk kienet tkun ommu li tigbor it-tifel mill-iskola u mhux hu, wiegeb li mhux dejjem. Mistoqsi jekk jaqbilx li f'telefonata li ghamel f'Jannar cempel lil Mary Rose u qalilha li falla ghax l-unika skop li kellu kien li jerga' jiehu lil Mary Rose lura, wiegeb li dan ma kienx f'Jannar. Jghid li jista' jgib affarijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konklużjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[2] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-*

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[3]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [4]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" u ohrajn.*' (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bħala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

'*Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[7] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fl-appell citat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna):-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[8]) (Dettalji ta' referenza kif citata fl-appell citat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna.)

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[7] [1969] 1 QB 276
[8] (1991), p. 1392

*Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"*[9]*, inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ...., il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament"*. (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant iressaq numru ta' ragunijiet li abbazi taghhom jemmen li l-Ewwel Qorti ma kellix issib htija. L-appellant jibda billi jghid li l-ewwel Qorti ma ezaminatx sewwa x-xhieda prodotta mill-appellant, il-kweralanti, u minn Andrea Malucelli. Jghid li strahet biss fuq erba' (4) kelmiet u cioe' '*bhima*', '*indannata*', '*qahba*' u '*liba*' u njorat il-kumplament. Jghid li l-Ewwel Qorti injorat il-kuntest li fih sar ir-rapport.

L-appellant jghid li l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghal dak li jirrizulta bhala provi mir-recordings, kif ukoll taghmel enfasi fuq ix-xhieda tal-istess Maria Rosaria Malucelli illi qalet li kienet tispicca imbezza', izda njorat il-fatt li skont Andrea Malucelli l-allegat agir tal-esponenti waqaf. Jgħid li l-ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt li minhabba il-minuri Jake Debono, bil-fors illi l-esponenti kien ikun kostrett illi javvicina lil Maria Rosaria Malucelli. Jghid li kienet il-kwerelanta li kienet tipprovokah bir-ritratti li kienet tibghatlu taghha flimken ma' Malucelli u l-minuri, kif ukoll tghidlu diskors bhal '*issa Jake ser ikollu step father*', imbaghad fl-istess nifs l-istess kwerelanta riedet tikkonvinci lill-Ewwel Qorti lii qieghda tibza mill-appellanta, u fl-istess nifs li kienet qieghda fil-fatt tisfidah.

Jghid ukoll li kienu jikkomunikaw bejniethom bil-code '*Marcellino*' fic-chats sabiex minn wara darah zewgha, tkun tista' titkellem liberament mal-appellant. Jghid li l-Qorti injorat dan kompletament. Jghid li kieku kienet tibza ma kinitx tikkomunika

[9] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Diċembru 1994;

mieghu minn wara dahar zewgha, jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-kwerelanta dahhlet il-vettura taghha fil-garaxx tal-appellant u saqet bil-bieba miftuha fuq l-esponent. Jghid li li kieku kienet qed tibza u thossha ffastidjata zgur ma kinitx ser titlob, effettivament iddahhal il-vettura taghha fil-garaxx tal-esponenti u lanqas ma kienet ser tazzarda ssuq ghal fuq l-esponent u trassu bil-bieba tal-vettura taghha mal-bieb tal-garaxx. Jghid li kieku vera kienet qed tibza' ma kinitx thalli sal-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) biex tiehu l-passi izda kienet tmexxi immedjatament. Fatt li skont l-appellant, l-Ewwel Qorti injoratu, kif skont l-appellant injorat ukoll il-fatt li l-passi hadithom ghaliex kienet irrabjata ghax ma haditx dak li kienet qed tippretendi li tiehu u ghalhekk mhux ghax kienet imbezza.

Jghid li l-kwerelanta inqdiet mill-allegata *course of conduct* tal-appellant fil-hin li dehrilha li tista' allura tinvokha u dan peress li ma haditx dak li riedet. Jghid li l-kwerelanta kienet qieghda tonsob lill-appellant sabiex igielu jghid certu affarijiet sabiex imbaghad tkun tista' tirrikattah bihom sabiex tiehu dak li riedet hi fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), tant hu hekk, li kien biss meta ma waslux permezz tal-medjazzjoni li l-kwerelanta iddecidiet li tmexxi bil-kawza kriminali. Jghid li persuna imbazza' ma kien ikollha l-ebda premeditazzjoni biex taghmel dan kollu. Jghid li lanqas ma jirrizulta li b'xi mod hedded lil kwerelanta, aktar u aktar lix-xhud Andrew Malucelli. Għalhekk jghid li ma kellux jinstab hati tal-erba' (4) akkuzi.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel akkuza taqra li '*Ghamel li Maria Rosaria Spiteri ngurji u/kew theddid mhux msemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kont ipprovokat ingurajt b'mod li hrigt il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni.*' Dan kif stabbilit taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant ghalkemm mit-telefonati ossia recordings li jidhru fil-pendrive immarkata bhala RS5 a fol 40 jirrizulta li kien hemm hafna insistenza da parti tieghu sabiex hu u l-kwerelanta jaslu ghal ftehim dwar il-minuri, l-appellant f'diversi istanzi uza kliem inkluz dagha li permezz taghhom offenda l-kwerelanta, tant li anke semma lil ommha u lil Andrea. Filwaqt li din il-Qorti hi tal-fehma li stante li l-kwerelanta kienet qieghda tirrekordja t-telefonati, hi kif osservat l-ewwel Qorti certament li f'certu istanzi ghadet kawta hafna fi kliema, tant li mir-recordings jidher

li l-kwerelanta ma kinitx taqbad u taqta' meta l-appellant kien juza kliem mhux xieraq, izda din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li certament li l-appellant ma kellux jagixxi bil-mod kif agixxa u li bi kliemu huwa ngurja lil kwerelanta. Filwaqt li din il-Qorti tifhem li kwistjonijiet dwar il-kura u kustodji huma sensittivi u emozzjonali hafna, l-appellant ma messu qatt uza l-kliem li uza, urtat kemm kien urtat mis-sitwazzjoni u ghalhekk huwa mar oltre l-limiti tal-provokazzjoni. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-partijiet ma messhom qatt tkellmu dwar kwistjonijiet tant jaharqu li jikkoncernaw lit-tifel meta t-tifel seta' jisma' dak li kien qed jintqal waqt it-telefonata. Certament li hemm mod u mod ta' kif isiru d-diskussjonijiet. Mill-messaggi u chats li gew esebiti mill-appellanta a fol 37 jirrizultaw il-kliem fosthom '*qahba kollok*', '*mara ta azanitek hazin*', '*mara bla* rispet', '*demel*' '*bla qalb*'. A fol 38 jirrizultaw il-kliem '*mara indanata bhajtek mara hadra bla qalb li ma kontx tihdu foxx il liba hadra ommok...*' u tghajjir iehor fosthom '*mara libba kurnuta kollok bla rispet*', '*qahba kollok*'. A fol 39 ghalkemm meta l-appellant mistoqsi dwarhom jghid li ma hemmx in-numru tieghu izda hemm 'Debono' jirrizultaw ukoll kliem offensiv.

L-appellant fl-appell tieghu jghid li '*Lanqas ma jirriżulta, illi b'xi mod l-esponenti hedded lill-kwerelanta.*' Din il-Qorti ma tistax taqbel ma din is-sottomissjoni. B'harsa lejn il-messaggi esebiti a fol 36 et seq jirrizultaw mhux biss dagha izda anke dawn is-segwenti kliem '*...ax jek narak adeja mijaw il habs nispicca didarba terga tamili listess lili terga idahal ragel iehor finofs...*'[10] Din fiha nnifisha hija theddida. Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha l-appellant '*mill-istess telefonati jirrizulta illi l-imputat repetutment indirizza lill-kwerelanti bhala "bhima", "indannata", "qahba" u "liba". Wasal sahansitra wkoll biex waqt telefonata minnhom qal lil ibnu li ommu ma thobbux. Dan barra li, waqt konversazzjoni minnhom mat-tifel, ma naqasx milli jidghi u jghajjar lill-kwerelanti.*"

Għaldaqstant jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni akkuza tirrigwarda l-ingurja u/jew theddid bi kliem permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni filwaqt li t-tielet akkuza tirrigwarda l-uzu mhux xieraq b'apparat ta' komnunikazzjoni elettronika.

[10] Il-Qorti tosserva li n-numru tal-mobile ma jidhirx fl-intier tieghu.

L-artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*

*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

Permezz tal-Att XI tal-2018 li dahal fis-sehh fl-erbgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2018) jigifieri wara li gie kommess ir-reat f'dan l-artikolu zdied il-proviso:

'*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Hubert Cini vs John Pace'**[11] fost kunsiderazzjonijiet dwar numru ta' reat, il-Qorti kkunsidrat li:

'*Min-naha l-ohra ma hemmx dubju li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-artikolu 49(a)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghahekk ghandu jitqies li jikkonkorru l-estremi ta' dan ir-reat. Illi skond Maria Dolores Pace l-imputat kien permezz tat-telefonati li kien jaghmlilha qalilha li kien ser joqtolha u din zgur tammonta ghal theddidha li ser isir reat. Din il-Qorti ghalhekk qed issib lill-imputat hati taht l- Artikolu 49(a) izda mhux taht l-artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Martin Sammut] vs Dr. Alfred Grech'**[12] gie kkunsidrat:

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Mata bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru, 2015 (Kumpilazzjoni Numru 921/2014)

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)

'*L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl- użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal- applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c) msemmi.*'

Jirrizulta li l-appellant mhux biss ghamel uzu mhux xieraq kif akkuzat taht it-tielet (3) akkuza izda anke hedded li se jaghmel reat u dan jaqa taht it-tieni akkuza li taqra li '*permezz ta' xi network jew apparat ta' komuikazzjoni elettronika ingurjajt u/jew heddidt lil Maria Rosaria Spiteri*'. (Emfazi mizjuda). Din it-theddida tirrizulta a fol 36 tal-process fejn hemm miktub '*...ax jek narak adeja mijaw il habs nispicca didarba terga tamili listess lili terga idahal ragel iehor finofs...*'

Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat li '*l-Qorti ma jistghax ikollha prova iktar minn hekk biex jissusistu t-tieni u t-tielet imputazzjoni.*'

Ikkunsidrat;

Illi dak li jehtieg li din il-Qorti tikkunsidra huwa jekk jissistux l-element tar-reat kontemplat fl-artikolu 251A(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jirreferi ghal meta persuna '*ġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;*'

Din il-Qorti ser tibda billi taghmel referenza ghat-tghalim gurisprudenzjali dwar il-fastidju. Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. P. Caruana) Vs James Demanuele'**[13]:

*'L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il- persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis- subinciz (3) (c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl- artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing...distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

*dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal- kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal- agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"*** *[21.6.07]:-*

*"....f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal- parametri tal-akkuza nnifisha.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Novembru, 2009 (Appell Kriminali Numru: 245/2009)

*person or causing the person distress" fit- test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa fil- waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar- reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir- rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.*

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*

*Illi pero' ghar-rigward tar-raba' w l-hames imputazzjoni, mix-xiehda ta' Elena Maria Felice w ommha Josephine ma jissemma xejn dwar xi incidenti precedenti ghal dak tal-14 ta' Lulju, 2008 u ghalkemm mill-fedina penali tal- appellant jirrizulta li fil-fatt kien hemm diversi incidenti ohra bejn il-partijiet li wasslu ghal kundanna tal-appellant fil- Qrati, dawn certament ma jistghux ikunu wkoll il-bazi ta' din l-akkuza jekk dwarhom kien hemm diga' sentenzi li ghaddew in gudikat, in omagg ghall-principju ta' "autrefois convict" jew "ne bis in idem". Illi ghar-rigward tal-incident tal-14 ta' Lulju, 2008, apparti l-habta ma jirrizulta xejn hlief li immedjetament wara kien hemm it-theddid u d-dagha. Dan fil-fehma tal-Qorti jammonta ghall-incident wiehed u jrid jitqies "unico contextu". Ghalhekk fir-rigward ta' din il- hames imputazzjoni ma rrizultatx il-pluralita' ta' incidenti implikati fil-frazi "course of conduct" (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza'. (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"*** *per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]).*

*Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ir-reati komprizi fir- raba' w fil-hames imputazzjonijiet ma jirrizultax pruvati ghax ma rrizultawx pluralita' ta' incidenti li huma element kosituttiv tar-reat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Hubert Cini vs John Pace'**[14] gie kkunsidrat:

*'L-akkuza taht l-Artikolu 251A(1)(2)(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat huwa qed jigi addebitat bir-reat ta' fastidju predispost fl-Artikolu 251A tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Mata bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru, 2015 (Kumpilazzjoni Numru 921/2014)

*prodotti jirrizulta ampjament li ghal diversi xhur u fi granet differenti skond ir-rapporti li saru minn Maria Dolores Pace, l-imputat John Pace kien icempel diversi drabi fuq il- mobile taghha u tat-tifla kif ukoll fuq taghha. Kull darba li kien isir kuntatt bejntiehom kienu jispiccaw jiggieldu u huwa kie jheddiha llis er jisparixxiha u dan ikkonfermatu t-tifla taghha Raiza Pace meta hija xehedet f'dawn il-proceduri. Illi Mark Portanier ikkonferma li huwa kien jaghti l-mobile tieghu lill-imputat sabiex dan icempel ll martu u kien li kien jisimghu jghidilha kliem li kien ser jispariixha jew altrimenti icempel fuq il- mobile ta' bintu u jinsisti li irid ikellem lil martu. Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-agir da parti tal-imputat zgur li jista' jitqies bhala fastidju skond dak li jiddisponi l-Artikolu tal-ligi in dizamina ghaliex sahansitra meta l- kwerelanti kienet titfi l-mobile taghha jew taqla' l-land line sabiex l- imputat ma jkompliex idejjaqha huwa kien jippersisti billi jcempel fuq il- mobile phone ta' bntha u jinsisti ma din tal-ahhar li jrid ikellimha. Illi r- reazzjoni ta' Maria Dolores Pace ghal dawn it-telefonati kienet cara u inekwivoka, u tali li ma thalli l-ebda dubbju li dawn it-telefonati kienu ta' fastidju ghaliha.*

*Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li din l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Elizabeth Azzopardi'</u>**[15]:

*'lli, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li effettivament dan huwa l-kaz fil- kaz odjern. L-atteggjament tal-imputata fil-konfront ta' Christine Portelli u Joslin Portelli, b'mod specjali fil- konfront ta' Joslin Portelli, kien wiehed ripetittiv u persistenti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Carmelo Vella'</u>**[16] il-Qorti laqghet l-appell u lliberat lil appellant minn kull htija wara ezami ta' dak li jikkostitwixxi r-reat taht l-artikolu 251A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li:

*'Il-fatti tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti huma limitati fiż-żmien għal jum wieħed għax hekk hija redatta ċ- ċitazzjoni. Issa l-course of conduct jista' jkun f'ġurnata waħda u mhux*

[15] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-17 ta' Settembru, 2013 (Numru. 733/2012)
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Mejju, 2012 (Appell Kriminali Numru.115/2011)

*bilfors irid ikun mifrux fuq tal ta' żmien. Anzi, jekk l-azzjonijiet ikunu qrib xulxin, aktar jista' wieħed jinstab ħati taħt dan l-artikolu tal-liġi.*

*Filkors tax-xhieda tagħha Georgina Vella semmiet tliet fatti li ġraw fil-5.30 ta' filgħodu tad-29 ta' Novembru 2008. Dawn kienu (a) qlugħ tas-seat tat-toilet; (b) twaddib taz- zokkor fuq il-mejda; (c) tfigħ tal-ħwejjeġ tagħha mill- gwardarobba mal-art. Fil-fehma tal-Qorti, l-eżempju li ngħata fir-raba' paragrafu aktar 'il fuq,* ***is-sitwazzjoni kienet agħar*** *– biss biss kien hemm tfigħ ta' beaker lejn il- mara –* ***u xorta l-Qorti Ingliża ma sabitx ħtija****. Għalhekk il-Qorti, għalkemm l-azzjonijiet li wettaq l- appellant setgħu dejqu lil Georgina Vella, ma tqisx li dawn jammontaw għall-'fastidju' kif prospettat fl-artikolu 251A tal-Kap 9.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs David Paris'**[17], il-Qorti kkunsidrat:

*'Dan hu proprju kaz ta' "rejected stalker" ta' ragel li hassu tradut jew "cheated" li l-amanti tieghu temm ir-relazzjoni li kellu mieghu. Hu rritalja billi, fuq firxa ta' zmien, b' mod persistenti, li jirrazenta l-ossessjoni, nfexx f' sensiela ta' insulti w theddid gravi fil-konfront tal-ex amanti tieghu.*

*Dan it-tip ta' agir hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi mghasses u mpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*
*Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata meta, ghab-bazi tal-provi prodotti, sabet ukoll htija tat- tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet fir-rigward.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) Vs Joseph Bajada'**[18] gie kkunsidrat:

*'Illi il-Qorti ghalhekk hija rinffaccjata b'akkuza dwar reat li jehtieg bil-fors agir persistenti u ripetut minn naha tal- persuna akkuzata ghal ta'l-inqas f'zewg okkazzjonijiet, meta mill-qari ta'l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh fil-5 ta' Ottubru 2010. Illi ghalhekk ir-riproduzzjoni ta' dak li tipprovdi il-ligi fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, imbaghad, ma jaghmilx sens ghaliex l-atti l-ohra li suppost iwasslu sabiex ir-reat*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Marzu, 2009 (Appell Kriminali Numru. 334/2008)
[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Mejju, 2013 (Numru 97/2010)

*ikun jitqies bhala wiehed kontinwat suppost sehhew fl-istess jum, haga li ma tirrizultax mill-atti. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Neil Attard'[19]** il-Qorti kkunsidrat:

*'Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk dwar fastidju, u biza' ta' uzu ta' vjolenza fil-konfront ta' Maria Buhagiar u l-familjari taghha; cioe r-reati prospettati f'l-artikoli 251A u 251B rispettivament tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(...)*

*Illi, tenut kont ta' dan l-insenjament, fid-dawl tal-provi processwali huwa car li bil-messaggi u telefonati kontinwi tieghu l-imputat kien qed idejjaq lil Maria Buhagiar, haga li huwa kien konxju taghha. Aktar minn hekk b'l-agir tieghu u bil-kontenut tal-messaggi li kien qed jibghat, l-imputat ikkaguna biza' f' Maria Buhagiar li kienet ser tintuza vjolenza kontra taghha.*

*Illi ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.'*

Ikkunsidrat;

Il-kwerelanta fix-xhieda tagħha tispjega li '*meta dan sar jaf li jien ghandi guvni iehor l-affarijiet gravaw, jibghatli l-messaggi, calls bl-addocc, wahda wara l-ohra. Inkun ix-xoghol darba minnhom anke mitejn missed call kelli wahda wara l-ohra.*' Tgħid li telqet mid-dar f'Lulju (l-appellant ma jaqbilx li l-kweralnta telqet f'Lulju izda jghid li sal-ahhar ta' Lulju kienet ghada d-dar u prezenta chat a fol 61 li juri dan) '*sal-bidu ta*' *Jannar bqajt nircievi l-calls. Waqfu l-calls meta l-ispettur Brandon kellmu Bugibba, il-Qawra u waqfu l-calls ghalkemm xorta bqajt nircievi ftit ukoll messaggi imma jirrigwardaw it-tifel. U forsi kien hemm xi kliem hazin imma kienu naqsu hafna.*' Tispjega li '*Jghajjarni qahba, u anke ommi qahba ghax tehodli hsieb it-tifel. Ghandi l-calls kollha hawnhekk ghax jiena kelli recorder fil-mobile...*' Il-kweralanta tispjega wkoll li apparti telefonati u messaggi '*kien jghaddi minn quddiem il-bieb tad-dar, ghax il-karozza tieghu ghandha hoss partikolari u kont nisimghu ghaddej u gieli anke ttawwalt u rajtu...*' L-appellant fir-rapport tal-Pulizija jinnega li kien jaf fejn qed tirrisjedi l-kwerelanti u ghalhekk jinnega li qatt mar quddiem id-dar

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Dicembru, 2014 (Numru. 655/2009)

taghha. Ir-rapport tal-Pulizija senjatament a fol 11 jiprovd li '*Huwa stqarr illi ma kienx jaf fejn toqghod ghax qatt ma qatlu min Awissu 2017 u stqarr li allura qatt ma mar quddiem il-bieb taghha. Huwa wera lil Pulizija xi videos u ritratti tat-tifel tieghujilghab mal-partner taghha sabiex tinkih. Huwa stqarr li sar ja f Settembru 2017 meta it-tifel tieghu gie joqghod mieghu ghal-9 gimghat. Dan sar jaf minhabba proceduri civili fil-qorti minabba t-tifel.*'

Il-kwerelanta tispjega ukoll li '*kien baghat hafna messaggi lill-kollegi tax-xoghol tieghi biex isir jaf affarijiet fuqi u ma' min qed inkun u dawk l-affarijiet. Anke lill-boss tieghi baghat ghax sa ftit ilu qaltli. Ma riditx tghidli biex ma tinkwetanix imma qaltli. Baghat ukoll messaggi lill-mummy tar-ragel tieghi, joqoghdu l-Italja ghax hu Taljan, biex jara kif igib ruhu hu mat-tfal...*' Tghid li '*anke messaggi lill-eks tieghu baghat biex jghidilha jekk hi ghadhix thobbu,*' skont ir-rapport tal-Pulizija, il-kwerelanta kienet spjegat li minn '*Awissu ta' 2017 sa 07 ta Jannar 2018 Darren Debono bat lil Maria Spiteri 4000 (four thousand) message fejn dawn in generali kienu jistqarru hekk "Fejn Qeda?" "x'qed taghmel? "ma min qieghed it-tifel.*"

Meta l-appellant fix-xhieda tieghu ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) huwa jikkonferma n-numru cellulari tieghu. Huwa a fol 56 bhal donnu ma jinnegax li huwa tkellem bil-mod li tkellem jew agixxa bil-mod li agixxa izda jispjega li '*Jiena taht xokk kbir. Xokk dan ma nafx min jigifieri min ikellu mara relazzjoni ta' ghaxar snin bit-tifel ta' erba' snin u nofs u l-ghada li titlaq tmur traqqad it-tifel ma' ragel iehor hija naqra ta' xokk. Ghall-grazzja t'Alla llum il-gurnata hrigt minnha.*' Jghid ukoll li '*Dan kien iz-zmien ghall-bidu li telqet f Awwissu u f Settembru. L-ewwel xahrejn li telqet hux. L-ewwel xahrejn li telqet ghax skoprejt ghax ma kinitx kapaci tghidli hi li t-tifel qed traqqaduli ma' ragel iehor wara ghaxar snin ta' relazzjoni. Dawk l-affarijiet. Nahseb li huwa normali li missier ta' familja wara relazzjoni titlaqlu l-mar tmur traqqadlu t-tifel ma' ragel iehor irid jistaqsi u jrid jaf fejn hu t-tifel.*'

Skont ir-rapport tal-Pulizija, l-appellant '*Meta gie mistoqsi rigward il-messaggi huwa stqarr li ovjament kien jibgghat il-ghaliex ried ikun jaf fejn hu it-tifel u ghalxiex qed jorqod ma ragel barrani. Huwa kompla jghid li huwa normali li bat dawn il-messaggi meta kien hemm relazzjoni ta ghaxar snin u specjalment kien involut it-tifel taghhom.*' Ir-rapport jipprovdi wkoll li '*Meta gie mistoqsi rigward is-sikkina huwa stqarr li mhux vera li ghamel dan. Meta gie mistoqsi rigward ir-recordings li ghandha fejn jinstema joffendija huwa jammetti li kien hemm xi drabi fejn offendija.*'

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li li kieku l-kwerelanta kienet tibza' mill-appellant ma kinitx sejra titkellem mal-appellant minn wara dahar zewgha u lanqas kienet ser tisfidah jew issuq bil-bieba miftuha fuq l-appellant. Jibda biex jinghad li l-kwerelanta ma gietx mistoqsija dwar dan l-allegat incident quddiem l-Ewwel Qorti. Dwar li l-kwerelanta kienet titkellem mal-appellant minn wara dahar zewgha, hi tikkonferma dan u taghti r-ragunijiet taghha, ossia biex tkun taf dwar it-tifel taghha fil-perjodu li kien jghix mal-appellant.

Il-kwerelanta fix-xhieda taghha mistoqsija dwar kif kienet tibqa' meta tircievi dawn it-tip ta' telefonati tispjega li '*jiena kont nibqa' kalma hafna ghax fl-ahhar mill-ahhar jien kont inkun irrid nirraguna minhabba t-tifel u mhux biex niggieled jew biex noffendi. Hu qatt ma ried jirraguna. Jien wara dawk il-calls ghalkemm kont nibqa' kalma kif jispiccaw il-calls kont inkun imrieghda u mbezza' u lanqas niekol ghax kont inhossni wisq imbezza'. Ma kontx*'. Mistoqsija kif taffetwaha l-attitudni tal-appellant b'mod specjali b'referenza ghal calls u messaggi tghid li '*jien affetwatni hazin hafna, inqast hafna mill-weight, moralment ukoll ghax mhux facli li tircievi u tisma' dawk il-calls go widnejk imma kif ghedtlek jien dejjem bqajt kalma dejjem bqajt fuq saqajja ghax jien ghandi t-tifel li rrid niehu hsiebu.*' Tghid ukoll li '*minhabba d-decree li hemm m'ahniex qed nghixu flmkien u jiena qed inhossni mbezza' li qed nghix wahdi.*'

In kontro-ezami l-kwerelanta kkonfermat li kienet tuza l-code '*Marcellino*' biex tkellem lill-appellant meta r-ragel ma jkunx id-dar. L-appellant bhal donnu jrid jghid li l-kweralant provokatu bir-ritratti li batitlu taghha, is-sieheb li llum huwa ragel taghha u ibnu jajbuh waqt li hi tispjega li hi baghtitlu r-ritratti ghax l-appellant ried ikun jaf kif inhu t-tifel u riedet turih li t-tifel huwa kuntent mas-sieheb taghha. Mill-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk l-appellant hass li l-kwerelanta qed tinkih bir-ritratti li baghtitilu taghha, tas-sieheb u tat-tifel, jew dwar li jghid li kienet issemmi 'step father', ir-reazzjoni tal-appellant ma kinitx f'loka. Andrea Malucelli mistoqsi dwar telefonati u messaggi li kienet tircievi Mary Rose, spjega li '*Dawn huma affarijiet tal-imgienen. Qatt ma smajt u rajt messaggi u telefonati bejn mara u ragel f'dan is-sens. Mhux biss bi kliem hazin u anki l-mod u l-kattiverja li kien hemm f'dawn it-telefonati. Ma jistax ikun li l-mara tieghi waqt li jiena nkun xoghol tghidli "jiena nibza' ninhasel wahdi" u jkolli naghmel il-mobile biex jiena nkun qisni prezenti hemmhekk, insegwi. Meta jiena stajt nibqa' fid-dar flimkien ma' marti u t-tifel u kont nisma' t-telefonati ta' bejniethom jiena lil*

*Mary Rose kont narah tirrispondi b'mod nromali u mhux agressiva. Mhux bhas-sur Debono.'* Ghalkemm kemm il-kwerelanta u anke x-xhud zewgha Andrea Malucelli jaghtu x'jifhmu li l-kwerelanta kienet tibza mill-appellant filwaqt li l-appellant jsemmi ragunijiet tieghu ghala ihoss li dan mhuwiex il-kaz, il-'biza' mhijiex element kostituttiv tar-reat taht l-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta li l-appellant wara li l-kwerelanta telqet mid-dar u dahlet f'relazzjoni ma' ragel iehor, irittilaja billi beda jibghat sensiela ta' messaggi u jaghmel numru ta' telefonati. Ghalkemm quddiem l-Ewwel Qorti ir-rapprezetant ta' Go plc ma ressaqx provi dwar il-kwantitajiet ta' telefonati u messaggi li baghat u ghamel l-appellant versu l-kwerelanta peress li kien moghti numru zbaljat miz-zewg numri provduti biex jixhed dwarhom, din il-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti bil-provi li kellha quddiem setghet tasal ghal knkluzjoni li r-raba' imputazzjoni giet ippruvata wkoll. Dan nonostante li mir-ritratti ta' messaggi u chats esebiti mill-kwerelanta ma jirrizultawx dati izda l-perjodu jirrizulta mix-xhieda taghha. L-Ewwel Qorti anke b'harsa biss lejn il-messaggi u t-telefonati minghajr ma tikkonsidra episodji ohra li tallega l-kwerelata fosthom tghid li kien jiehu ritratti tal-karozzi taghha u ta' Andrea Malucelli, jikkomunika ma' qraba u kollegi tax-xoghol u episodji ohra li semmiet, setghet xorta tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-messaggi u telefonati u kliem ta' ingurja f'diversi okkazzjoni f'medda ta' xhur juru bic-car li l-appellant kien messu kien jaf li b'dak li kien qieghed jaghmel kien qieghed jiffastidjaha. L-appellant stess meta mistoqsi '*Issa, inti rajthom il-messaggi li esebiet hi li inti kont tibghatilha. Jigifieri nghidlek dak li kont tibghatilha kien qieghed fiz-zmien illi kienet tibghatlek dawk ir-ritratti u dan id-diskors kien jinghad min-naha taghha lilek?*' Wiegeb '*Dan kien iz-zmien ghall-bidu li telqet f'Awissu u f'Settembru. L-ewwel xahrejn li telqet hux. L-ewwel xahrejn li telqet ghax skoprejt ghax ma kinitx kapaci tghidi hi li t-tifel qed traqqaduli ma' ragel iehor wara ghaxar snin ta' relazzjoni. Dawk l-affarijiet. Nahseb li huwa normali li missier ta' famlja wara relazzjoni titlaqlu l-mara tmur traqqadlu t-tfiel ma' ragel iehor irid jistaqsi u jrid jaf fejn hu t-tifel.*'. In oltre, meta l-appellant mistoqsi in kontro ezami '*Mela ghadek kif tghidilna wkoll I dawk il-messaggi li pprezentat Mary Rose kienu kollha ta' Settrmbru meta kont ghaddej minn zmien hazin*' wiegeb '*Settembru Awissu u t'Ottubru*'. Dan jikkonferma li kien hemm *course of conduct* u li ghaldaqstant ir-raba' imputazzjoni giet ippruvata.

Ikkunsidrat;

Dwar li l-kwerelanta ddeciediet li taghmel rapport lil Pulizija biss wara li l-appellant talab li tinghalaq il-medjazzjoni, il-kwerelanta fix-xhieda taghha kkonfermat li dakinhar fil-hdax (11) ta' Jannar kellhom seduta fejn l-appellant kien ghazel li ma jkomplix bil-medjazzjoni. Hi spjegat li '*Mela jiena mort naghmel ir-rapport. Jiena dejjem kif ghedtlek qghadt kwieta anke minhabba x-xoghol tieghu ghax nirrispettah hafna ghax xorta dak kollu li ghamilli xorta nibqa' nirrispettah. Jiena mort naghmel ir-rapport tal-Pulizija ghax iddecidejt li dan qed jaghmel hekk imma mhux ghall-glieda ghat-tifel, glieda mhux glieda imma bhala li jkollu iktar hin u dawn l-affarijiet imma bhala pika biex jiena ma nkunx mar-ragel tieghi. Li jiena rajt li dak il-kwiet li qghadt fih qed naghmel hsara lili nnifsi. Iddecidejt li jiena nqum fuq saqajja ghax jiena dejjem kont capsa bil-Malti, inqum fuq saqajja u niggieled ghad-drittijiet u l-affarijiet tieghi. Jiena ghandi dritt li jkolli hajja mar-ragel tieghi u mat-tifel, hu ghandu dritt li jkollu hajja tieghu personali ma' min irid u ma' ibnu imma dik ma hadhiex ghax accetta li jaghlaq il-medjazzjoni u jiena b'dik ir-rabja bhala rabja ta' omm u mara mizzewwga li jien m'ghandix, dak iz-zmien kont ghadni gharusa, ma kontx ghadni mizzewwga imma kont naf li ha nizzewweg ovvjament. jiena rrid li nghix hajti.*' Minkejja li l-kwerelanta ddeciediet li taghmel ir-rapport dak in-nhar stess jew wara li l-appellant talab l-gheluq tal-medjazzjoni, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-appellant ripetutament ingurja bil-kliem lill-kwerelanta f'medda ta' xhur u ghalhekk mhux il-kaz li l-Ewwel Qorti strahet fuq erba' (4) kelmiet biss kif jissottometti l-appellant, liema agir fir-retroxena ta' fiex sehh huwa wiehed li l-appellant kien messu kien jaf li kien qieghed jaghti fastidju lil kweralanta.

Għalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib lill-apellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra t-tlett aggravji rigwardanti l-piena. L-appellant fit-tieni aggravju jissttometti li l-prosekuzzjoni qatt ma talbet il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni izda talbet biss li l-Qorti tiprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Rosaria Spiteri taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jissottometti wkoll li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt timponi l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-kwerelanta, u in oltre lanqas fil-konfront ta' Andrea Malucelli.

L-artikolu 412Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa "l-akkużat") tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tista', kemm ex officio jew b'talba ta' xi parti fil-proċedimenti, minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.*'

Ordni ta' Protezzjoni tista' tinhareg *ex officio* meta l-Qorti jidhrilha li hemm ragunijiet li ghalihom trid tiprovdi ghas-sigurta kemm tal-persuna offiza u anke ta' individwi ohra. Ghalhekk ghalkemm il-prosekuzzjoni ma talbitx il-hrug ta' din l-ordni, ma jfissirx li l-Qorti marret oltre dak mitlub u dan stante li l-Qorti tista' fuq ic-cirkostanzi tal-kaz tiddeciedi jekk ghandhiex tordna l-hrug tal-ordni ta' protezzjoni u fil-konfront ta' min. Il-Qorti anke qabel ma zdiedu l-kliem '*ex officio jew b'talba ta' xi parti fil-proċedimenti*' fl-artikolu 412Ċ(1) permezz tal-Att XIII tal-2018 li dahal fis-sehh fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) setghet timponi tali ordni minghajr talba.

Jirrizulta li mill-provi prodotti kif ikkunsidrati aktar il-fuq f'din is-sentenza u kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti hemm ragunijiet validi biex tinhareg ordni ta' protezzjoni ghas-sigurta tal-kwerelanta. Jekk wiehed iqis messaggi bhal dawk li jidhru a fol 36 RS1 fejn l-appellant jghid li jispicca l-habs jekk jara ghaddejja mieghu, din il-Qorti tifhem li b'referenza ghal dak iz-zmien is-sieheb tal-kwerelanta li ghalkemm in-numru cellulari ma jidhirx fl-intier tieghi, din il-Qorti ma ghandhiex ghal xiex ma temminx li l-messagg intbaghat mill-appellant, u meta tikkonsidra r-retroxxena jirrizulta li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat il-hrug tal-Ordni tal-Protezzjoni fil-konfront tal-kwerelanta.

Illi Andrea Malucelli fix-xhieda tieghu jghid li '*Anke lili baghat messaggi pero' xejn hazin, fis-sens trankwill. Jien ghandi l-messaggi kollha, kont nikkomunika miehu b'tali mod li forsi nasl x'imkien u ma nispiccawx il-Qorti. Fil-bidu kienet tiffunzjona din il-haga pero' mbaghad il-gurnata ta' wara kienhemm persuna ohra. Kien jibghatli messaggi privati u kien jaghmel fake profiles fuq Facebook u qabel ma hu jkun ikkancella l-profiles jien kinkun ilhaqt hadt*

*screenshot. Kien jibghatli ritratti nofs tieghu u nofs tal-eks tieghi.'* Fir-rapport tal-Pulizija a fol 8 et seq jinghad li l-kwerelanta spjegat li '*beda jmur wara il-bieb ta Dar ta Maria Spiteri kif ukoll kemm il-darba qabditu jihu ritratti tal-karozzi personali ta' Maria biex izzom il-kwiet imma hija stqarret ukoll li kienet batitlu xi messagi tajdlu biex ihallija bi kwieta kif ukoll biex ma jigix wara il-bieb ta dar taghha.*'

Il-fatt li kif xehdet il-kwerelanta, Andrea Malucelli u l-appellant li dan l-agir naqas jew waqaf ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma setghetx tiehu prekazzjonijiet tenut kont tac-cirkostanzi u tordna l-hrug ta' din l-Ordni kemm fil-konfront tal-kwerelanta u anke fil-konfront ta' Andrea Malucelli u dan sabiex kwalunkwe kuntatt jew komunikazzjoni ikun limitat biss ghar-rigward tat-tifel.

Ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant jissottometti li ma kellux jigi inflitt it-terminu massimu ta tlett (3) snin fil-kaz tal-liberta' bil-kundizzjoni *ai termini* tal-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont l-appellant minhabba cirkostanzi li skont hu jimmilitaw favur l-appellant.

Illi mill-provi rrizulta li wara li sar ir-rapport mal-Pulizija mill-kwerelanta kien hemm tibdil fl-agir tal-appellant fis-sens li naqsu t-telefonati u l-messaggi. Jekk dan il-fatt sehhx peress li l-appellant irrealizza li ghandu jbiddel l-attitudni tieghu jew jekk dan sehh minhabba dawn il-procedura kriminali hija kwistjoni ohra. Din il-Qorti tispera li l-appellant iddecieda li jimxi l-quddiem b'hajtu minghajr ma jaghti fastidju lil haddiehor.

L-Ewwel Qorti kienet ferm ragonevoli u bl-ebda mod eccessiva meta illiberat lill appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin *ai termini* tal-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kif tajjeb qieset tat cans lill-appellant sabiex ma jergax jirrepeti l-agir tieghu.

Ghalhekk it-tielet aggravju qed jigi michud ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fir-raba' aggravju jissottometti li jekk l-Ewwel Qorti kelli timponi Qorti ta' Protezzjoni, huwa tal-opinjoni li ma kellux jigi inflitt it-terminu ta' tlett (3) snin taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 u dan peress li jghid li hemm cirkostanzi diversi li jimmilitaw favur l-appellant.

Din il-Qorti tibda' billi tissottolinea li originarjament l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-Ordni ta' Protezzjoni kienet tipprovdi ghal perjodu massimu ta' tlett (3) snin li jista jigi revokat jew estiz ghal perjodu ulterjuri. Permezz tal-Att XIII tal-2018 li dahal fis-sehh fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) ossia wara li gew kommessi r-reati in kwistjoni, it-terminu massimu ta' Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 huwa ta' hames (5) snin li jista jigi revokat jew estiz.

L-artikolu 412Ċ(9) illum jaqra li:

'*Ordni ta' protezzjoni għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin, speċifikat mill-Qorti, iżda jista' jiġi revokat jew estiż għal perjodi ulterjuri.*'

Stante li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ma tirrizulta l-ebda raguni ghala ghandha tvarja it-terminu impost mill-Ewwel Qorti, qieghda ghalhekk tichad ir-raba' aggravju.

Din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal għall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x' jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin m'illum.

In oltre l-Qorti tikkonferma l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Maria Rosaria Spiteri u Andrea Malucelli ghal zmien tliet (3) snin, li ghandu jibda' ghaddej m'illum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness mas-sentenza tal-ewwel Qorti li jifforma parti integrali ma' din is-sentenza.